31998R1680

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 1680/98

tad-29 ta' Lulju

1998 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 936/97 li jiftaħ u jipprovdi għall-ammistrazzjoni ta' kwoti tat-tariffi għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, mkessħa w iffriżata u għal-laħam iffriżat tal-buflu u (KEE) Nru 139/81 li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet biex jiddaħħlu ċerti tipi ta' ċanga ffrizata u vitella taħt is-sottotitolu 0202 30 50 tan-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 936/97 tas-27 ta' Mejju 1997 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tat-tariffi taċ-ċanga ta' kwalità għolja, mkessħa w iffriżata u għall-laħam tal-buflu ffriżat [1], hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1299/98 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u vitella [3], hekk kif emendat l-aħħar bir- Regolament (KE) Nru 2634/97 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi in-New Zealand innominat awtorità ġdida biex toħroġ attestati ta' awtenticità; billi l-Anness II tar- Regolament (KE) Nru 936/97 għandu jiġi emendat minnħabba f'hekk;

Billi l-importazzjoni ta' xi ċanga u vitella b'rati ta' dazju mnaqqsa skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 139/81 [5], kif ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1299/98, hija soġġetta għall-preżentazzjoni ta' attestati ta' awtenticità maħruġa mill-pajjiżi nteressati; billi l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li toħroġ l-attestati fin-New Zealand għandha tiġi aġġornata;

Billi l-proċedura li tirrevedi l-lista ta' awtoritajiet li joħorġu attestati ta' awtenticità għandha tiġi standardizzata;

Billi l-miżuri li għalihom hemm dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam taċ-Canga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness II tar- Regolament (KE) Nru 936/97, "Il-Kumitat tal-Produtturi tal-Laħam tan-New Zealand" jinbidel għal "Il-Kumitat tal-Laħam tan-New Zealand".

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 139/81 huwa emendat kif gej:

1. L-Artikolu 5(2) jinbidel b'dan li ġej:

   "2. Il-lista tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni meta kull awtorità emittenti ma tibqax magħrufa, meta tonqos milli tħares xi dmirijiet li jaqgħu fuqa jew meta tiġi nominata awtorità emittenti ġdida.";

2. Fl-Anness II, "Il-Kumitat tal-Produtturi tal-Laħam tan-New Zealand" jinbidel għal "Il-Kumitat tal-Laħam tan-New Zealand".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 137, tat-28.5.1997, p. 10
[2] ĠU L 180, ta' l-24.6.1998, p. 6.
[3] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[4] ĠU L 356, tal-31.12.1997, p. 13.
[5] ĠU L 15, tas-17.1.1981, p. 4.